# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 17 TA' MEJJU 2002

**Avviz Nru 229/01DM**

**Micallef Insurance Agency Limited bhala agent tas-socjeta assikuratrici estera Independent Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Aaron Zammit sia bil-polza u sia bil-ligi**

**Vs**

**Joseph Miceli u Anthony Carauna**

### Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu jew min minnhom is-somma ta' hames mija sebgha u erbghin Lira Maltin (Lm547) in linea ta' danni minnhom kagunati nhar id-9 ta' Awissu 1999 fil-Marsa, meta il-konvenut Joseph Miceli fil-waqt li kien qed isuq vettura GAE 308 u l-konvenut Anthony Caruana

waqt li kien qed isuq vettura FAW 382 ikkagunalu kollizjoni li fiha sfat mahbuta l-vettura DAF 274 ta' Aaron Zammit assigurat mas-socjeta attrici b'polza ta' assikurazzjoni tat-tip 'comprehensive' u inforza ta' liema is-socjeta attrici kellha taghmel fronti ghad-danni subiti mill-istess assigurat taghha, u ghal liema danni hija tinsab surrogata fid-drittijiet tal-istess Aaron Zammit sia bil-polza u sia bil-ligi, ghal liema kollizzjoni huma jew min minnhom responsabbli stante imperizja, negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas t'osservanza tar-regolament tat-traffiku, prevja d-dikjarazzjoni ta' responsabbilta' unikament da parti tal-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-konsult (Lm10) tal-ittra ufficjali datata 6 t'Ottubru 1999, u dik prezentata kontestwalment kontra s-socjetajiet assikuratrici tal-konvenuti, u bl-interessi mill-istess l-ewwel ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Caruana fejn eccepixxa illi:

1 Dak li talbet is-socjeta attrici fil-konfront tieghu ghandhu jigi michud billi ghall-incident stradali 'de quo' ma kienx jahti hu
2 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.
3 Din il-kawza ghandha l-istess mertu bhal dik Avviz 211/01/DM Anthony Caruana vs Aaron Zammit li ghandha l-ewwel smiegh

fil-15-06-01 u stante li dik giet intavolata l-ewwel hu flokk li l-kawza odjerna intbaghat ghal quddiem il-Qorti kif preseduta mill-Magistrat Dr Dennis Montebello.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Miceli fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet attrici fil-konfronti tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza ma sehhx tort tal-eccipjenti izda sehh tort ta' Aaron Zammit l-assikurat tas-socjeta attrici u tal-konvenut l-iehor Anthony Caruana, jew min minnhom, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghhom, jew min minnhom

2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-digriet moghti fit-12 ta' Gunju 2001`

Rat il-verbal tas-27 ta' Lulju 2001 fejn saret riferenza ghall-provi kollha li nstemghu fil-kawza konnessa Avviz Nru 211/01 fl-ismijiet "Anthony Caruana et vs Aaron Zammit" deciza illum stess.

Rat il-verbal tal-21 ta' Frar 2002 fejn id-difensuri tal-kontendenti iddikjaraw li mhux qed jikkontestaw l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilita.

Semghet ix-xhieda bil-gurament:

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kawza konnessa Avviz Nru 211/01 fl-ismijiet "Anthony Caruana et vs Aaron Zammit" giet deciza illum stess u din il-kawza tirrigwarda l-istess incidenti mertu ta' din il-kawza u gie deciz kif gej:

*"Il-kollizzjoni in kwistjoni grat meta l-kjamat fil-kawza Joseph Miceli, li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru GAT 308, hareg minn Timber Wharf, il-Marsa ghal go Triq Dicembru Tlettax u kien segwit mill-attur Anthony Caruana qieghed isuq il-van Transit tieghu bin-numru FAW 382.*

*Kif appena dawn iz-zewg sewwieqa hargu go Triq Dicembru Tlettax, il-kjamat fil-kawza, Joseph Miceli, xeghel l-indikator u bidel il-karreggjata biex mar fuq il-karreggjata tal-lemin waqt li l-attur, Anthony Caruana, baghqa miexi fuq il-karreggjata tax-xellug.*

*Irrizulta illi fuq il-karreggjata tal-lemin li fiha dahal Joseph Miceli kien gej il-konvenut Aaron Zammit qieghed isuq il-vettura Land Rover DAF 274. Dan sab quddiemu l-ostakolu maghmul minn Joseph*

*Miceli, ma irnexxielux jevitah u habat mal-vettura ta' Anthony Caruana li in segwitu habtet mal-vettura ta' Joseph Miceli.*

*Il-punti saljenti li din il-Qorti trid tirrileva huma fl-ewwel lok, l-importanza li jigi stabbilit illi Dicembru Tlettax, il-Marsa, hija arterja principali tat-traffiku f' Malta u illi Timber Wharf, minn fejn kienu provenjenti l-attur Anthony Caruana u l-kjamat fil-kawza Joseph Miceli, hija triq laterali li tisbokka go din it-triq principali. Ghalhekk, fit-tieni lok jigi rilevat illi kull min jiddecidi li jisbokka minn go Timber Wharf ghal Triq Dicembru Tlettax, irid juza grad gholi ta' attenzjoni u prekawzjoni qabel ma jibda jghamel il-manuvra intiza.*

*Ghalhekk irid jigi determinat ukoll jekk il-main road user, il-konvenut Aaron Zammit, illi effettivament sab quddiemu t-triq imblokkata b'vettura fuq il-karreggjata tal-lemin u l-vettura fuq il-karreggjata tax-xellug, kienx sab ruhu f'din il-posizzjoni minhabba dizattenzjoni tieghu u/jew velocita' eccessiva jew inkella kienx sab ruhu imblokkat minhabba manuvra bla kont taz-zewg sewwieqa l-ohra jew ta' wiehed minnhom.*

*Mill-provi prodotti ma jirrizulta ebda indizju dwar xi sewqan eccessiv tal-konvenut Aaron Zammit illi kien qieghed juza t-triq principali u li kellhu d-dritta.*

*Ghalhekk biex jigi determinat jekk il-konvenut ghandhux xi responsabbilta irid jigi stabbilit kemm qabel il-kollizzjoni l-kjamat fil-kawza Joseph Miceli, kien lahaq invada l-karreggjata tal-lemin li fiha kien gej Aaron Zammit.*

*Mill-provi prodotti senjatament id-deposizzjoni tal-istess sewwieqa, kompriz Joseph Miceli stess, jirrizulta illi l-habta bejn Aaron Zammit u Anthony Caruana u konsegwentment ma Joseph Miceli wkoll, grat ftit mumenti wara illi  Anthony Caruana u Joseph Miceli hargu minn Timber Wharf.  Dan ghalhekk jeskludi l-possibilita' illi kemm Anthony Caruana u kemm Joseph Miceli jistghu jitqiesu li kienu digia' "main road users". Jirrizulta konsegwentement li dahlu fil-'main road' waqt li din kienet qed tintuza minn Aaron Zammit illi habat maghhom.*

*Infatti jirrizulta illi Joseph Miceli stess jammetti illi kif hareg mit-triq laterali baghqa hiereg immedjatament ghal karreggjata tal-lemin, ghaliex l-access ghal Hamrun, fejn ried imur, kien vicin hafna ta' fejn tisbokka Timber Wharf;  jirrizulta ukoll li l-attur Anthony Caruana issostni illi sema' il-brake mill-vettura ta' Aaron Zammit kif appena l-vettura ta' Joseph Miceli telqet il-karreggjata tax-xellug biex  qabdet il-karreggjata tal-lemin.*

*Dan kollu ghalhekk jindika illi l-konvenut Aaron Zammit kien gie infixkel fis-sewqan tieghu bhala 'main road user' mill-kjamat fil-kawza Joseph Miceli, u ghalhekk il-kawza tal-kollizzjoni tieghu mal-attur kienet il-manuvra ta' Joseph Miceli.*

*Min-naha l-ohra r-responsabbilta' ta' Joseph Miceli hi evidenti anke mid-deposizzjoni tieghu stess.  Infatti jirrizulta illi qabel ma telaq Timber Wharf biex dahal  got-Triq Dicembru Tlettax, hu lanqas ma hass il-htiega illi jieqaf ghal kollox u jesplora sew it-triq, izda naqqas biss il-velocita' u ghalkemm jallega illi hares lejn il-lemin tieghu u ma ra il-hadd, xeghel l-indikator u baqa' hiereg.*

*Billi Triq Dicembru Tlettax hija triq wiesa' u qieghda wkoll ghat-tul qabel il-punt tal-kollizzjoni w il-vizwali ghal minn hiereg minn Timber Wharf hija vizwali tajba hafna, Joseph Miceli bilfors kellu jara lill-konvenut Aaron Zammit li kien qieghed juza t-triq principali ghaliex fil-fatt Aaron Zammit hemm kien. Infatti kif appena dahal Dicembru Tlettax u qabad il-karreggjata tal-lemin saret il-kollizzjoni.*

*Ghandhu jinghad ukoll illi anke l-attur stess wera' nuqqas fil-grad ta' attenzjoni rikjesta minnhu qabel ma zbokka got-Triq Dicembru Tlettax. Infatti l-istess Anthony Caruana jistqarr illi ma waqafx qabel ma dahal fit-triq principali, ma ndunax bil-prezenza tal-konvenut Aaron Zammit u jghati bizzejjed indizji biex wiehed jista' jikkonkludi illi l-kollizzjoni grat immedjatament wara illi huwa kien dahal got-Triq Dicembru Tlettax tant illi meta l-attur habat ma Joseph Miceli l-istess Joseph Miceli kien ghadu ma telaqx ghal kollox il-karreggjata tax-xellug u ghadu kif qabad il-karreggjata tal-lemin.*

*Izda l-attur Anthony Caruana ma jistghax jigi tenut responsabbli ghal kollizzjoni li grat bejn il-vetturi peress illi l-kawza esklussiva kienet il-manuvra ta' Joseph Miceli li, kemm meta dahal fi Dicembru Tletax u kemm meta bidel il-karreggjata, ma zammx 'a proper look out' u ostakola t-traffiku li kien qieghed juza t-triq dak il-hin, b'rizultat saret il-habta bejn it-tlett vetturi.*

*Ghaldaqstant il-Qorti issib illi kien il-kjamat fil-kawza, Joseph Miceli, li kien esklussivament responsabbli ghall-kollizzjonijiet in kwistjoni u ghaldaqstant qieghdha tilqa l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, Aaron Zammit, u tiddikjara illi dan ma ghandhu l-ebda responsabbilta' ghall-kollizjoni in kwistjoni u billi ma saret ebda*

*kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni l-Qorti qieghda tilqa it-talba attrici fil-konfront biss tal-kjamat fil-kawza, Joseph Miceli u tikkundannah ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' Lm362.09 (tlett mija u tnejn u sittin Lira Maltin u disa' centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-20 ta' Lulju 2001.*

*Bl-ispejjez kontra l-kjamat in kawza Joseph Miceli."*

Ghal dawn l-istess ragunijiet u motivi l-Qorti ghalhekk qieghda tiddikjara illi huwa l-konvenut Joseph Miceli li huwa responsabbli ghall- incident in kwistjoni u ghaldaqstant hu wahdu iried jirrispondi ghal hsarat illi garab Aaron Zammit li ghalihom ghamlet tajjeb il-kumpanija assikuratrici attrici.

Billi l-konvenuti mhux qieghdin jikkontestaw il-quantum tad-danni li qed titlob il-kumpanija attrici, il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut Joseph Miceli sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm547 (hames mija u seba u erbghin lira Maltin) bl-imghaxijiet b'effett mis-6 ta' April 1999.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut Joseph Miceli.

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia

Dep.Reg. Civil 35